MINISTRU GĦALL-AMBJENT,
ŻVILUPP SOSTENIBBLI U TIBDIL FIL-KLIMA
CASA LEONI, TRIQ IL-KBIRA SAN ĠUŻEPP, SANTA VENERA, MALTA

Lill-Chairperson tal-Kumitat tal-Ambjent

Onor. Muscat,

Nibda biex ġentilment niskuża ruħi talli llum ma stajtx nattendi għal-laqgħa tal-Kumitat minħabba impenji li għandi fil-Kunsill tal-Ministri tal-UE barra minn Malta u li ġejt mistieden biex nattendi f'isem il-Gvern ta' Malta. Madanakollu, ħassejt id-dmir li nressaq is-segwenti osservazzjonijiet fid-dawl ta' dak li qed jiġi suġġerit mill-kollega kelliem tal-Oppożizzjoni l-Onor. Jason Azzopardi sabiex dan il-kumitat jiddiskuti l-emendi li jiena tlabt lill-Awtorità tal-Ambjent dwar il-Fuel Station Policy.

1. Illi aktar kmieni llum żammejt laqgħa mal-awtoritajiet ikkonċernati fil-preżenza tas-Segretarju Permanenti li matulha ġie kkomunikat lill-Awtorità tal-Ambjent tiskatta bil-proċess tagħha quddiem il-Kumitat Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar b'dak li qed tipproponi;
2. Illi l-proposti li qed tagħmel l-Awtorità tal-Ambjent ġew milqugħa fl-intier tagħhom;
3. Illi ttieħed il-parir anke tal-Avukat Ġenerali;
4. Illi filwaqt li wieħed jirrikonixxi l-fatt li l-għan li għalih iddaħlet l-Fuel Stations Policy tal-2015 kien wieħed tajjeb madanakollu wasal iż-żmien li din terġa' tiġi riveduta;
5. Illi l-emendi li qed tipproponi l-Awtorità tal-Ambjent prinċiparjament huma ffukati madwar il-fatt li m'għandiex tittieħed art barra mill-Iskema ta' żvilupp għall-fuel service stations speċjalment għal dawk ġodda u li jiena naqbel;
6. Illi l-prinċipçju stabbilit fil-ġurisprudenza huwa li d-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar għandhom jittieħdu skont il-policies viġenti fil-mument li jkun ser jiġi deċiż il-każ;
7. Illi l-emendi li ġew ippreżentati lili ser inkun qed nippreżenthom pubblikament fil-ġranet li ġejjin fejn għaldaqstant hija x-xewqa tiegħi li wara li jsir dan niġi quddiem dan il-Kumitat biex flimkien mal-awtorità kompetenti nagħmlu preżentazzjonijiet u inwieġbu għal kwalunkwe osservazzjonijiet u / jew mistoqsijiet li jistgħu jitqajmu.

Qed ġentilment nitlob biex din il-korrispondenza tinġieb għal attenzjoni tal-membri fil-laqgħa tal-Kumitat.

Filwaqt li inroddlok ħajr tal-attenzjoni tiegħek, nirringrazjak bil-quddiem tal-kooperazzjoni u l-ħidma li qed turi biex tmexxi dan il-kumitat fl-interess tal-ambjent u l-wirt naturali ta' pajjiżna.

Tislijiet

Jose' Herrera

t + 356 2388 6303 e jose.herrera@gov.mt | www.environment.gov.mt